Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,978, 20 ta' Diċembru, 2022
Taqsima B

A.L. 358 tal-2022

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Gvern Lokali (Riżorsi Umani)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 72 tal-Att dwar Gvern Lokali, il-Ministru responsabbli għall-gvern lokali għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Gvern Lokali (Riżorsi Umani) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Gvern Lokali (Riżorsi Umani), hawn aktar 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali". L.S. 363.20.

Jemenda r-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali.

2. Is-subregolament (3)(b) tar-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(b) Ir-rekwiżiti minimi għall-mili tal-postijiet indikati fis-subregolament (3)(a) għandhom ikunu kif ġej:

(i) Skrivan (Skala 15)

Eliġibbli f'waħda mill-kategoriji li ġejjin (a, b jew ċ):

(a) fil-pussess ta' kwalifika li turi li għaddew (fi Grad 1-5, Grad C jew livel komparabbli) f'ħames (5) suġġetti f'Livell 3 tal-MQF, li għandhom jinkludu l-Malti, l-Ingliż, il-Matematika u IT Office Applications Skills;

(b) fil-pussess ta' kwalifika Vokazzjonali sħiħa f'Livell 3 tal-MQF, jew il-kwalifika ta' Ċertifikat u Profil tal-Iskola Sekondarja f'Livell 3 tal-MQF, f'ħames (5) suġġetti li għandhom jinkludu l-Malti, l-Ingliż, il-Matematika u IT Office Applications Skills bħala taqsimiet ta' studju separati fil-kors segwit; jew

(ċ) uffiċjali pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta fil-grad ta' Skrivan li l-ħatra tagħhom kienet ikkonfermata u li jkollhom minimu ta' sentejn (2) servizz sodisfaċenti fil-grad.

(ii) Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13)

Eliġibbli f'waħda mill-kategoriji li ġejjin (a, b, ċ, d jew e):

(a) fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta (sentejn (2) full-time jew ekwivalenti) f'Livell 4 tal-MQF (soġġett għal minimu ta' 120 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti) f'suġġetti fejn il-qasam ta' studju ewlieni jew sekondarju jkun f'wieħed minn dawn: Public Policy, Management, Business jew Office Administration, Riżorsi Umani, Taħriġ u Żvilupp, Finanzi, Accounts, Ekonomija, Amministrazzjoni Pubblika, Business Studies, Politika Soċjali, Relazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u Internazzjonali, Tekonoloġija tal-Informatika u ICT, Environmental Studies u studji relatati mal-Immanniġġjar tal-Agrikoltura/ Manniġġjar tal-Enerġija, Statistika, Built Environment, Project Management, Quality Management, Komunikazzjoni, Soċjoloġija, Procurement, Studji Segretarjali jew suġġetti oħra f'oqsma ta' studju relatat; jew

(b) fil-pussess ta' kwalifika ta' 'A' Level f'Livell 4 tal-MQF (fi Grad 1-5, Grad C jew livell komparabbli) f'suġġetti relatati.

Fil-każijiet (a) u (b) imsemmija hawn fuq, l-applikanti għandhom ikunu wkoll fil-pussess ta':

(i) kwalifika li turi li għaddew (tal-inqas fi Grad 1-5, Grad C jew livell komparabbli) f'Livell 3 tal-MQF fil-Malti, l-Ingliż, il-Matematika u IT Office Application Skills, sakemm dawn is-suġġetti mhumiex inklużi bħala taqsimiet ta' studju separati fil-kors ta' studji u, jew suġġetti ta' 'A' Level segwiti f'Livell 4 tal-MQF; jew

(ii) kwalifika vokazzjonali f'Livell 3 tal-MQF, jew il-kwalifika ta' Ċertifikat u Profil tal-Iskola Sekondarja f'Livell 3 tal-MQF fil-Malti, l-Ingliż, il-Matematika u IT Office Application Skills bħala taqsimiet ta' studju separati fil-kors segwit, sakemm dawn is-suġġetti mhumiex inklużi bħala taqsimiet ta' studju separati fil-kors ta' studji u, jew suġġetti ta' 'A' Level segwiti f'Livell 4 tal-MQF;

(ċ) uffiċjali pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta fil-grad ta' Skrivan Anzjan li l-ħatra tagħhom kienet ikkonfermata u li jkollhom minimu ta' sentejn (2) servizz sodisfaċenti fil-grad;

(d) uffiċjali pubbbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta fil-grad ta' Skrivan li l-ħatra tagħhom kienet ikkonfermata u li jkollhom minimu ta' tliet (3) snin servizz sodisfaċenti fil-grad; jew

(e) sentejn (2) esperjenza fil-grad ta' Skrivan (Skala 15) ma' Kunsill Lokali u soġġett għal performance sodisfaċenti u għal kwalifiki minimi ta' Skala 15.

(iii) Assistent Uffiċjal Prinċipali (Skala 11)

Eliġibbli f'waħda mill-kategoriji li ġejjin (a, b, ċ jew d):

(a) fil-pussess ta’ kwalifika rikonoxxuta f’Livell 5 tal-MQF jew ogħla (soġġetta għal minimu ta’ 60 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti) f’xi wieħed minn dawn is-suġġetti: Public Policy, Management, Business jew Office Administration, Riżorsi Umani, Taħriġ u Żvilupp, Finanzi, Accounts, Ekonomija, Amministrazzjoni Pubblika, Business Studies, Politika Soċjali, Relazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u Internazzjonali, Teknoloġija tal-Informatika u ICT, Environmental Studies u studji relatati mal-Immaniġġjar tal-Agrikoltura/ Manniġġjar tal-Enerġija, Statistika, Built Environment, Project Management, Quality Management, Komunikazzjoni, Soċjoloġija, Procurement, Studji Segretarjali jew suġġetti oħra f’oqsma ta’ studju relatat;

(b) fil-pussess ta’ żewġ (2) kwalifiki ta’ ‘A’ Level f’Livell 4 tal-MQF (fi Grad 1-5, Grad C jew livell komparabbli) f’suġġetti relatati;

Fil-każijiet (a) u (b) imsemmija hawn fuq, l-applikanti għandhom ikunu wkoll fil-pussess ta’:

(i) kwalifika li turi li għaddew (tal-inqas fi Grad 1-5, Grad C jew livell komparabbli) f’livell 3 tal-MQF fil-Malti, l-Ingliż, il-Matematika u IT Office Application Skills, sakemm dawn is-suġġetti mhumiex inklużi bħala taqsimiet ta’ studju separati fil-kors ta’ studji u, jew suġġetti ta’ ‘A’ Level segwiti f’Livell 4 tal-MQF; jew

(ii) kwalifika vokazzjonali f'Livell 3 tal-MQF, jew il-kwalifika ta' Ċertifikat u Profil tal-Iskola Sekondarja f'Livell 3 tal-MQF fil-Malti, l-Ingliż, il-Matematika u IT Office Application Skills bħala taqsimiet ta' studju separati fil-kors segwit sakemm dawn is-suġġetti mhumiex inklużi bħala taqsimiet ta' studju separati fil-kors ta' studji u, jew suġġetti ta' 'A' Level segwiti f'Livell 4 tal-MQF;

(ċ) tliet (3) snin esperjenza fis-Servizz Pubbliku ta' Malta fil-grad ta' Uffiċjal Eżekuttiv fi skala ta' salarju 13 li l-ħatra tagħhom kienet ikkonfermata; jew

(d) sentejn (2) esperjenza fil-grad ta' Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13) ma' Kunsill Lokali, u soġġett għal performance sodisfaċenti u għal kwalifiki minimi ta' Skala 13.".

Jemenda r-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali.

3. Is-subregolament (1) tar-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(1) Impjegati full-time għandhom jiġu impjegati f'xi waħda mill-iskali minn Skala 11 sa Skala 18 u r-rimunerazzjoni għandha tkun skont il-gradi ekwivalenti fis-servizz pubbliku:

Iżda d-Direttur jista' jagħti konċessjoni fir-rigward ta' dawk l-iskali oħra ekwivalenti fis-servizz pubbliku, inkluż dawk l-iskali fi gradi maniġerjali, permezz ta' direttivi skont l-artikolu 80 tal-Att wara konsultazzjoni mal-Assoċjazzjoni.".